# IR-RABTA TA’ ĠUŻA MIFSUD MA’ SAN MIKIEL

Ir-rabta ta’ Ġuża ma’ San Mikiel jidher li ma kinitx biss wara s-snin tmenin iżda bdiet ferm qabel. Filfatt fil-laqgħa tat-13 ta’ Novembru 1991, Ġuża qalet hekk: “Ngħidilkom illi fl-imgħoddi kelli xi ħaġa minn dak l-imqaddes u mbierek anġlu San Mikiel, meta rajtu fuq dik is-sħaba ftit ’l hemm minn fejn jiena rajt lis-Sinjura tal-Ħajja fil-wied tal-Girgenti. Meta rajtu fuq dik is-sħaba inġazzajt, bniedem misterjuż, imżejjen bl-affarijiet divini li żejnu bihom il-Mulej. Dan għamel gwerra fis-sema meta dawk l-ispirti ħżiena ħaduha kontra Alla u dawna niżlu ktajjen maqgħudin flimkien ‘il barra mill-pajjiż tal-Mulej. Dan għamlu l-gwerrier imqaddes u mbierek l-arkanġlu San Mikiel... Jiena ħa ngħidilkom li hu qalli, ‘Inti trid tagħmilha ta’ gwerriera għal Malta, li tkun gwerriera ta’ Ġesù ta’ l-Ewkaristija u ta’ dak li qegħda ġġiblek il-Madonna... Issa trid tuża... l-korazza, l-elmu u x-xabla għax ħafna ħa jkunu kontrik imma la l-Mulej u l-Madonna wegħduk li ħa jkunu miegħek ħadd ma jista’ jagħmillek xejn.’

Fil-laqgħa tas-17 ta’ Mejju 1992, Ġuża qalet illi mal-lejl tas-Sibt 11 ta’ Jannar 1992, “kelli viżjoni sabiħa ħafna... Lil San Mikiel rajtu sabiħ ħafna, bl-elmu f’rasu, bix-xabla mdendla l-isfel minn qaddu, liebes ilbies, djamanti rajtu liebes, kemm kien liebes sabiħ... Huwa qalli biex inkompli naħdem bil-qawwa tiegħi kollha u b’dak li qed jagħtini Alla, bil-forza li qed jagħtini Alla għax, ‘tant qed jgħinek il-Mulej Alla ta’ l-Eżerciti. Inti qed tarak imfarrka, u hu qed jużak bħala gwerriera bħalma għidtlek jiena. Għax jiena meta jasal il-ħin irrid nagħmel gwerra kbira ma’ Satana. Ma nibżax minnu dana Satana. Irrid inneħħihomlu dawk is-sebat irjus illi qegħdin ifeġġu fid-dinja minn dak id-dragun... illi niżel mis-sema permezz tal-gwerra li għamiltlu jiena b’dawk l-għodda li tani Alla biex jiena nkun nista’ nkeċċih mis-saltna t’Alla. U issa tant qed jagħmel iebes għad-dinja biex jibgħat ħafna nies miegħu igawdu l-abbissi ta’ l-Infern...



Qawwi qalbek u kun l-aqwa armata ta’ Ġesù ta’ l-Ewkaristija. M’iniex ħa ngħidlek gwerriera imma l-aqwa armata ta’ Ġesù ta’ l-Ewkaristija għax qed turi kemm għandek qalbek mhux tal-ħadid u tal-bronż għall-Mulej imma ftaħtha beraħ biex il-Mulej Ġesù jagħtik dak kollu li qallek kemm fil-passat u kemm issa. Jiena ħa nkompli ngħidlek biex turi ħafna fidi u qawwa f’dak kollu li qed jagħmel miegħek Alla bil-qawwa tal-kelma li inti qed tagħmel. Qegħda fid-dar u qegħdin joħorġu ħafna affarijiet mid-dar...

Dix-xabla li qed tarali f’idi... qed narma ħafna bis-sapjenza t’Alla biex din l-arma nerġa’nużaha għal dak il-makabru xitan li għamel affarijiet ħżiena fil-belt imqaddsa t’Alla. U jiena b’dik l-id setgħana li Alla tani, keċċejt mis-sema lil dak id-dragun u ta’ miegħu.’ Skond Ġuża San Mikiel irid jerġa’jagħmel gwerra oħra kbira fid-dinja... biex lil dan id-dragun jitfgħu ġo l-Infern biex minn hemm ma joħroġx iżjed.

F’messaġġ moqri waqt il-laqgħa ta’ Settembru 1993, Ġuża qalet, “Issa llum qed inkellimkom fil-ġurnata tat-Tlieta 31 ta’ Awissu tas-sena 1993... u ħa nsemmi lill- kbir San Mikiel Arkanġlu. Meta jiena nidħol fil-kamra fqira tal-Madonna, għalija santwarju, jiena nkun fid-dlam ħlief għas-salib li għandi jixgħel quddiem l-inkwadru tal-Madonna u salib ieħor. Lanqas pjanti ħajjin m’għandi imma xi kultant il-Mulej u s-Sinjura Divina u Mqaddsa tagħmilhomli pjanti tant ifuħu, riħa ta’ fwieħa jew riħa ta’ nċens...

Illejla tant kont impressjonata għax filli qegħda f’dak id-dlam... u minnufih nara ħafna dawl ġo din il-kamra. Fit-tarf tal-banavostri rajt xi ħaġa sabiħa... Rajt lil kbir San Mikiel imqaddes illi tani ħafna direzzjonijiet sbieħ f’dan illejl ta’ l-aħħar jum tax-xahar ta’ Awissu. X’ħin rajt dan id-dawl sabiħ, spiritwali fuq dan l-Arkanġlu jiena għidtlu, “Għażiż qaddej tal-Mulej kemm jiena ttantata mill-ispirtu tad-dlamijiet.”

Huwa qalli, “Tibżax, għax qed jittantak ħafna. Huwa ried li jeħles minnek sa mill-passat kmieni imma tinsiex illi għandek l-Id setgħana t’Alla miegħek u inti lil dan l-ispirtu tad-dlamijiet qed iġġiegħelu jitgħawweġ ħafna. F’dak il-post fejn jien dehrtlek fil-passat, ilu ħafna u



wara inti rajt lir-Reġina tas-sema u l-art qiegħed isir ħafna u ħafna ġid. Qed isir ħafna ġlied bejn dak l-ispirtu tad-dlamijiet u s-Sinjura tal-Ħajja għaliex il-Madonna qed tagħmel ħafna ġid fl-erwieħ li jkun hemm fuq jitolbuha... Hemm fuq qegħdin isiru ħwejjeġ kbar u hawnhekk qegħdin isiru ħwejjeġ kbar ukoll għaliex inti qegħda titlob ħafna għall-bżonnijiet ta’ dawk in-nies li huma bogħod mill-Mulej Alla.”

Matul il-laqgħat ta’ talb, Ġuża kienet spiss tinvoka lil San Mikiel. Fil-laqgħa ta’ Ottubru 1989 hija qalet, “San Mikiel, itlob għal Malta, itlob għall-gżejjer tagħna u itlob għad-dinja kollha u fittex kaxkar ġo l-infern lill-kap tax-xjaten li tant qiegħed jagħmel ħsara fid-dinja… San Mikiel għinna u ejja b’dik ix-xabla ġġieled ġo Malta u Għawdex u fid-dinja kollha u tħallix lix-xitan ikompli jtella’ rasu ’l fuq ma’ l-antikrist u ma’ dawn il-ħafna evanġelji ħżiena li għandna f’Malta tagħna…”

Fil-laqgħa ta’ Marzu 1992, Ġuża tgħid li l-Madonna qaltilha, “Inti trid tkun bħal meta dehrlek dak San Mikiel u rajtlu dak is-sejf miegħu. Trid taqbad dak is-sejf f’idejk u taqsam ħafna qlub bl-imħabba t’Alla, bl-imħabba tal-Mulej Ġesù, bl-imħabba li qed nagħtik jien... Dak huwa l-istrument li inti kellek tagħżel fid-dinja biex dawn il-qlub jinqasmu għall-imħabba t’Alla.”

Għalkemm Ġuża m’għadhiex magħna iżda nisslet fina mħabba u devozzjoni lejn dan il-qaddis. F’kull laqgħa ta’ talb ngħidu t-talba tiegħu, talba qasira li wieħed ma jdumx ma jitgħallimha bl-amment u jkun jista’ jgħidha f’kull ħin tal-ġurnata sabiex San Mikiel jgħinna ngħelbu l-problemi u l-ħażen li niltaqgħu miegħu ta’ kuljum, biex kemm aħna Maltin u Għawdxin u anka d-dinja kollha, ilkoll ngħixu ħajja aktar trankwilla mimlija paċi u ġid spiritwali, ħajja kkonsagrata lil Alla kif kienet dik ta’ l-Imqaddsa Verġni Marija.

Bix-xieraq għalhekk li nispiċċaw billi ngħidu din it-talba: San Mikiel Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida, kun int il-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-dimonju; irażżnu Alla nitolbuk bil-ħerqa, u inti l-aqwa fost il-qtajja tas-sema, itfa’, bil-qawwa t’Alla fil-qiegħ ta’ l-infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien ta’ l-erwieħ. Amen.

*Sylvana Spiteri LL.D*



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. minn Birkirkara kitbet hekk:** Kien ilni nitla’ kull xahar għal-laqgħat ta’ talb fil-Girgenti għal dsatax-il sena. Dejjem naf li nitlob għal ħaddieħor jew għal dawk li jgħiduli biex nitlob għalihom.

Fil-laqgħa ta’ Diċembru 2004, meta ersaqt lejn il-ħawt ta’ l-ilma, għidt, “Ara jien qatt ma tlabt biex inneħħi dan in-nuċċali.” Għadda kważi xahar meta għal ħabta tal-Milied, in-nuċċali beda jdejjaqni u sibt li kont qed nara bla nuċċali. Billi kienu l-festi u l-vaganzi tal-Milied, għand it-tabib mort f’Jannar u dan qalli li nista’ ma nużax in-nuċċali aktar.

Lanqas ridt nemmen li qegħda bla nuċċali. Nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni issa u dejjem. Madonna kemm jiena obligata lejk, grazzi Madonna.

**Devota tal-Madonna kitbet hekk:** Kien il-11 ta’ Ġunju 1996 meta ibni ġie mix-xogħol flimkien ma sieħbu u qalli li sejrin il-garaxx. Wara xi siegħa bdejna nitħassbu għaliex kienu qed jiġru affarijiet mhux sew. Meta staqsejt lil sieħbu fejn hu ibni qalli li kien mar jixtri flixkun luminata. Jien għidtlu li d-dar kelli luminata.

Rajna l-ilma ħiereġ minn taħt il-bieb tal-garaxx, ftaħna u hemm nara lil ibni minxur kważi mejjet. Widnejh u wiċċu kienu ġja suwed. Ġiet l-ambulanza, ħadnih l-isptar waqt li jiena żammejtlu rasu f’idi, maqlub għall-ġenb u nitlob lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex tgħinu.

L-isptar dam biss ġurnata u għall-grazzja t’Alla ħareġ mill-vizzju tad-droga.

Grazzi, Madonna tal-Girgenti, kif dejjem insejjaħlek. Nibqa’ nħobbok sal-mewt. Grazzi. Aħna dejjem obligati lejk.

**S. Falzon mill-Mosta kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Kellna tifla tbati minn ekżema qawwija. Ħadtha kemm-il darba għand speċjalista tal-ġilda imma kien kollu ta’ xejn. Tlabt lill-Madonna u għaddhielha kważi għal kollox.

**R. Camilleri mill-Fgura kitbet hekk:** (i) Għandi tifla tqila u kellha problema f’saqajha tant li ma setgħetx timxi sewwa. Tlabt lill-Madonna u lil Ġuża biex

tghinha peress li dan kien kawża tat-tqala. Dakinhar stess qlajt il-grazzja u t-tifla bdiet timxi sewwa.

(ii) L-gharus tat-tifla ghandu slip-disc u kien muġugħ hafna u fis-sodda. Tlabt lill-Madonna u lil Ġuża u l-uġigh taffielu mill-ewwel.

**N.N miż-Żurrieq kitbet hekk:** Xi sentejn ilu hija kellu hafna aċtu fl-istonku li ma seta' jghaddilu b'xejn u ma setax jiekol li jrid. Jiena bdejt nitlob lil Alla, Ġesù ta' l-Ewkaristija, l-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Santa Katerina u issa jhossu hafna ahjar.

## APPREZZAMENT

Ma nistax ma nfakkarx tliet devoti tal-Madonna li hallewna fix-xhur li ghaddew. Insellem lis-Sinjorina Emily Trapani Galea minn tas-Sliema li kienet benefattriċi tal-Moviment u xerdet hafna devozzjoni lejn il-Madonna kemm Malta kif ukoll barra minn Malta.

Imbaghad fis-26 ta' Diċembru 2007 waslitli l-ahbar li kien miet Andrew Spiteri, jew Indri kif kien maghruf ma' kulhadd. Indri kien wiehed minn dawk li segwa lil Ġuża sa mill-bidu li fethet il-messaġġ tal-Madonna, kien ghal snin membru fil-Kumitat u baqa' sa l-ahhar jitla' l-Girgenti kull meta kien jiflah, kif ukoll jaghti l-kontribut tieghu f'intervisti fuq programmi tat-televiżjoni.

Imbaghad fis-2.30 ta' filghodu tal-Hamis 3 ta' Jannar 2008, mietet ghal gharrieda l-ghażiża ommi Michelina. Kien xokk kbir ghalija, ghal missieri u ghal hija - haġa li lanqas f'mitt sena ma konna qeghdin nistennewha. Kienet mara b'sahhitha, attiva – veru każ li l-halliel jiġi meta lanqas tkun qed tistennieh.

Kien maghha l-ewwel darba li mort ghand Ġuża u żgur li minghajr l-inkoraġġiment u s-sagrifiċċji taghha ma kontx nasal fejn wasalt, anka fi hdan il-Moviment. Ghadu jidwi f'widnejja il-kliem taghha, "Binti, mur kompli xi haġa fuq ix-xoghol tal-Madonna ghax jekk niqaflek jien jonqoslok hafna l-hin." Kemm kellek raġun Ma!

Min kien jafha jaf kemm kienet mara enerġika, tattendi ghal-laqghat il-Girgenti mhux biss fl-ewwel u t-tielet Hadd imma bil-qalb takkumpanjani kull meta jkun hemm pelegrinaġġi privati kif ukoll kull meta nitilghu wahedna jien u hi, sabiex naraw x'ikun hemm bżonn. L-ahhar proġett taghha kien proprju t-tiswija tal-kotba tal-kant li jintużaw waqt il-laqghat. Tellajnihom il-Girgenti fl-1 ta' Jannar, l-ahhar mawra taghha hemm fuq.



Ghan-nom tieghi, ta' missieri u ta' hija nghidlek grazzi Ma. Nghidlek grazzi ukoll ghan-nom ta' dawk kollha li kienu jafuk u li mhux l-ewwel darba farraġthom b'xi kelma sempliċi minn tieghek. Ibqa' hu hsiebna u itlob ghalina u ghall-Moviment li tant kien ghal qalbek. Grazzi ta' kollox Ma.

Min-naha tieghi u tal-familja nixtieq ukoll mill-ġdid nirringrazzja lill-kleru u lil dawk kollha li taw il-kondoljanzi taghhom u li attendew ghall-funeral taghha.

Mulej aghtihom il-mistrieh ta' dejjem...

*Sylvana Spiteri LL.D*

## IL-LAQGĦA TA' L-4 TA' MEJJU 2008

Il-Girgenti huwa rigal: post iehor fejn nistghu nimorru sabiex naghtu glorja lil Alla, nitolbuh il-bżonnijiet taghna u fl-istess hin ukoll nirringrazzjawh ghal dak kollu li tana u ghad irid jaghtina.

Hija haġa ferm sabiha li n-nies jitilghu il-Girgenti f'kull hin tal-ġurnata jifthu qalbhom ma' dik l-Omm li tana Ġesù stess fuq is-salib, iżda jkun hafna u hafna xieraq li apparti dan niddedikaw il-lejla tal-Hadd 4 ta' Mejju lil Ommna Marija. Niltaqghu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien. Inheġġiġkom minn issa sabiex iżżommu dan l-appuntament mal-Madonna. Hi qatt ma tonqos mill-ghajnuna taghha, ejjew ahna wkoll naghtu s-sehem taghna!

Din il-laqgha li tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima fis-6.00pm tfakkar it-tnejn u ghoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud tellghet l-istatwa tal-Madonna hemmhekk.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*



## AVVIŻI

1. Il-laqghat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Hadd 6 u 20 ta' April 2008 fil-5.30p.m.
   Il-Hadd 4 u 18 ta' Mejju 2008 fis-6.00p.m.
   Il-Hadd 1 u 15 ta' Ġunju 2008 fis-6.30p.m.
   Il-Hadd 6 u 20 ta' Lulju 2008 fis-6.30p.m.
   Il-laqgha ta' l-4 ta' Mejju 2008 li tahbat f'gheluq it-22 sena mit-tqeghid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.
2. Dawk li qalghu xi grazzja huma mheġġa li jiktbulna l-grazzja u jaghtuna kemm jistghu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan taghkom.
3. Inheġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistghu jittiehdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistghu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wiehed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella minghand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar


NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 74 APRIL 2008 JITQASSAM BLA ĦLAS




*L-istatwa ta' San Mikiel Arkanġlu li tbierket fil-Girgenti minn Mons. Buontempo u Dun Nazzaren Tonna fil-laqgħa ta' Frar 1993. Din l-istatwa inħadmet mill-iskultur is-Sur Tarcisio Montebello.*

Fuq il-lapida hemm miktub hekk: *San Mikiel Arkanġlu inti li tant għamiltni soda u kuraġġuża, kompli qawwili l-fidi fil-Mulej Alla biex inwettaq ir-rieda Tiegħu u dak kollu li qiegħed iwassalli permezz tal-Madonna. Nitolbok biex bħalma ddefendejt lil Alla minn l-ispirti tad-dlamijiet tkompli tiddefendi d-dinja sabiex tirrenja l-vera paċi f'qalb il-popli kollha. Nitolbok ukoll biex tgħinna nirċievu lil Ġesù Ostja b'imħabba u devozzjoni kbira.*

***Ġuża Mifsud***